# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 863

KAZ NRU. 865

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Miriam Attard

u

Selection Boutique

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 2 ta' Settembru, 1997

**Chairman : Is-Sur Anthony DeGiovanni**

## 1. DAHLA

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 26 ta' Awissu, 1994 riferenza ME/2/94 II talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-Kwistjoni tax-Xoghol skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

## 2. RAPPREZENTANZA

2.1 L-appellanti kienet irrapprezentata mill-avukat Albert Libreri

2.2 Il-Kumpanija kienet irrapprezentata mis-sinjura Maria Mizzi mghejjuna mis-sur Richard Matrenza u aktar tard mill-avukatessa Marse-Ann Farrugia.

## 3. **LISTA TA' XHIEDA**

3.1 Ghall-appellanti xehdu :

Domenic Attard
Alfred Barbaro Sant
Rita Barbaro Sant
Carmel Gatt
Andrew Pullicino.

3.2 Ghall-Kumpanija xehdu :

Josephine Cacciatolo
Marlene Mizzi

3.3 Miriam Attard l-appellanti nnifisha u Paul Gatt kienu xhieda komuni.

## 4. **PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI**

4.1 L-appellanti pprezentat id-dokumenti li jidhru hawn taht:

4.1.1 Dikjarazzjoni tal-kaz li kienet tinkludi lista ta' xhieda Dok 1

4.1.2 Skeda tal-leave li hadet l-appellanti bejn is-26 ta' Dicembru, 1992 u t-30 ta' Lulju, 1994. Dok 3

4.1.3 Kopja ta' kuntratt datat 18 ta' Dicembru, 1993 Dok 4

4.1.4 ricevuta datata 20 ta' Gunju, 1994 mahruga minn St. Mark Health Clinic Centre favur l-appellanti Dok 5

4.1.5 kopja ta' kalkulazzjoni ta' hlasijiet dovuti lill-appellanti ghat-temm ta' l-impjieg - Dok 6

4.1.6 it-trattazzjoni finali saret bil-fomm.

4.2 Il-Kumpanija pprezentat id-dokumenti li jidhru hawn taht:

4.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz - Dok 2

4.2.2 skeda ta' qliegh ta' flus ghal skop ta' Taxxi li sar lill-appellanti ghas-sentejn 1993 u 1994 - Dok 7

4.2.3 kopja ta' kalkulazzjoni ta' hlasijiet dovuti lill-appellanti ghat-temm ta' mpjieg - Dok 8

4.2.4 erba' skedi ta' hlasijiet li saru lill-appellanti bejn il-25 ta' Gunju, 1994 u s-6 ta' Awissu 1994 - Dok 9

4.2.5 skeda tal-"leave" li nghata lill-appellanti ghas-sena 1994 - Dok 10

4.2.6 skeda ta' hlas li sar lill-appellanti bejn l-24 ta' Lulju, 1994 u s-6 ta' Awissu 1994 - Dok 11

4.2.7 it-trattazzjoni finali - Dok 12.

## 5. <u>TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET</u>

5.1 L-appellanti stqarret li :

5.1.1 hi bdiet tahdem mas-Selection Boutique nhar l-4 ta' Jannar 1993 bhala "Sales Assistant" fuq bazi "whole time" ghal zmien indefinit

5.1.2 wara li bdiet tahdem mal-Kumpanija intebhet li kienet qed tahdem erbghin siegha fil-gimgha mifruxa fuq sitt ijiem izda minghajr in-nofs ta' nhar frank kif rikjest mill-Ligi. Tant hu hekk li

meta kienet titlob in-nofs ta’ nhar frank u jinghatalha kien jitnaqqsilha mill-vaganzi annwali. Meta fis-sajf kienu jinbidlu l-hinijiet tax-xoghol hi kien ikollha tiehu wkoll nofs ta’ nhari mill-leave

5.1.3 ir-relazzjonijiet tajba bejnha u Josephine Cacciattolo, omm is-sid bdew jitnaqqru kwazi mill-bidu ta’ l-impjieg kemm ghaliex hi kienet titlob bi dritt in-nofs ta’ nhari tal-frank rikjesta mill-Ligi u wkoll ghaliex kienet tirrifjuta li ggib ordnijiet specifici ordnati mill-klijenti

5.1.4 fil-hanut la kien hemm “toilet” u anqas fejn taghmel xi ftit kafe. Ghaldaqstant f’xi hinijiet hi kien ikollha taghlaq il-hanut ghal xi hin biex tinqeda u xi sidien ta’ hwienet girien kienu jof-frulha u jgibulha kafe minn hwienet fil-vicin. Dan ta’ l-ahhar jidher li ma ghogobx lil Josephine Cacciattolo

5.1.5 nhar it-Tnejn 25 ta’ Lulju, 1994 hi talbet nofs ta’ nhar frank u xi granet leave minhabba li kienet se ggorr id-dar. Dak il-hin Josephine Cacciattolo approvatilha l-frank izda jumejn wara qaltilha biex thassru u tidhol ghax-xoghol. F’dan il-kaz inqala’ dizgwid jekk hi sabbtitx it-telefon jew le. Fil-fatt hi ghamlet arrangamenti alternat-tivi u dahlet ghax-xoghol kif kienet ordnata.

5.1.6 l-ghada fil-ghodu Josephine Cacciattolo dahlet fil-hanut bil-hsieb li tiehu sodisfazzjon dwar l-allegat tisbiet tat-telefon u sabet lil certu Paul Gatt jitkellem maghha. Appena telaq Josephine Cacciattolo qaltilha li ma rieditx tara lil Paul Gatt fil-hanut u hi wiegbet kollox sew

5.1.7 nhar is-Sibt 30 ta’ Lulju 1994 Josephine Cacciat-tolo regghet dahlet fil-hanut meta gharrfitha bit-temm ta’ l-impjieg

5.1.8 l-agir tat-temm ta’ l-impjieg kien abbuziv u kontra l-Ligi ghaliex hi qatt ma kienet imwiddba u r-raguni li nkitbet ghat-temm ta’ l-impjieg ma kienitx veru.

5.2 Il-Kumpanija stqarret li :

5.2.1 l-appellanti dahlet tahdem maghha bhala “sales assistant” kif diga’ nghad aktar ‘il quddiem f’dan id-dokument, fil-hanut fejn isir bejgh bl-imnut ta’ lbies u hwejjeg intimi tan-nisa

5.2.2 din ir-relazzjoni damet bejn l-4 ta’ Jannar 1993 u t-30 ta’ Lulju 1994 wara li ripetutament l-appel-lanti naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi tas-sid bi hsara ghan-negozju

5.2.3 t-temm ta’ l-impjieg sar ghal raguni gusta u suf-ficjenti skond il-Ligi, u t-Tribunal ghandu jir-rispingi t-talbiet kollha ta’ l-appellanti.

## 6. <u>ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET</u>

6.1 L-appellanti argumentat li :

6.1.1 fil-hanut fejn kienet tahdem la kien hemm facili-tajiet sanitarji u anqas biex taghmel xi kafe jew tkessah xi xorb. Minhabba f’hekk kien mehtieg li f’xi hinijiet tmur f’hanut iehor ta’ l-istess sid biex taqdi l-bzonnijiet taghha u wkoll issib alternattiva ghan-nuqqas ta’ facilitajiet biex

taghmel jew tixtri xi kafe jew tixrob kiesah

6.1.2 is-sid ma gab ebda prova li Pawlu Gatt jew Alfred Barbaro Sant li gieli gabulha kikkra kafe jew xi xorb kiesah ghamlu hinijiet twal fil-hanut. L-anqas ma ngiebet prova li l-bejgh sofra jew kien hemm xi lmenti mill-parruccani tal-hanut

6.1.3 fuq kollox ghalkemm kien hemm xi okkazzjonijiet meta Josephine Cacciattolo qaltilha li ma rieditx irgiel fil-hanut u b'mod partikulari lil Pawlu Gatt hi qatt ma kienet imwiddba li n-nuqqasijiet taghha setghu iwasslu ghat-temm ta' l-impjieg

6.1.4 ir-raguni li nghatat fid-dokument ufficcjali ghat-temm ta' l-impjieg kien biss biex tahbi l-vera raguni. Il-vera raguni kienet li l-hinijiet tax-xoghol imhaddma fil-hwienet tas-sid kienu kontra l-Ligi u minhabba l-insistenza taghha biex tiehu nofs ta' nhar u gurnata fil-gimgha frank dejjqet mhux bi ftit lis-sid

6.1.5 li hi kienet tgawdi l-fiducja tas-sid u l-imgieba fuq, u l-kontribut taghha lejn, ix-xoghol, kienu maghrufa tajjeb

6.1.6 fid-dawl ta' dan kollu r-raguni li nghatat ghat-temm ta' l-impjieg minbarra li mhiex il-vera raguni mhiex gusta u sufficjenti kif titlob il-Ligi.

6.2 Il-Kumpanija argumentat li :

6.2.1 l-appellanti kienet mgharrfa bil-hinijiet u granet tax-xoghol qabel ma bdiet l-impjieg u wkoll kien

spjegat lilha ghaliex il-hinijiet u l-granet kienu tqassmu kif tqassmu. Fil-bidu l-appellanti kienet ghamlet talbiet ripetuti ghad-dritt taghha skond il-Ligi izda ma komplietx tinsisti aktar u din it-talba qatt ma regghet qamet. Ghaldaqstant ma jistax jinghad li r-raguni ghat-temm ta’ l-impjieg setghat kienet  din il-kwistjoni dwar il-hinijiet u l-granet tax-xoghol li kienet qamet madwar sena u nofs qabel.

6.2.2 f’Lulju, 1994 kien irrizulta dizgwid dwar nofs ta’ nhar leave li wassal biex l-appellanti qatghet it-telefon waqt konverzazzjoni dwar is-suggett ma’ Josephine Cacciattolo

6.2.3 Josephine Cacciattolo - omm is-sid li kienet fdata bl-amministrazzjoni tal-hanut sabet oggezzjoni dwar il-prezenza ta’ rgiel fil-hanut u b’mod partikolari ghal Pawlu Gatt. Hi wissiet lill-appellanti diversi drabi bil-fomm, izda kien kollu ghalxejn ghaliex wara t-twiddib kienet terga’ tirrizulta l-istess haga

6.2.4 fid-dawl ta’ dan kollu l-Kumpanija ma kellhiex triq ohra biex tevita dannu ghan-negozju, hlief li t-temm l-impjieg ta’ l-appellanti.

## 7. OSSERVAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

It-Tribunal Industrijali osserva li :

7.1 ma hemm ebda dubju li l-hinijiet u granet tax-xoghol imhaddma mis-sid jiksru l-provvedimenti ta’ l-Avviz Legali 32 tal-1989 xi haga li mhux fil-kompetu ta’ dan it-Tribunal li jirregola. Dak li hu ta’ nteress ghal dan

it-Tribunal hu li meta skopriet x'kienu se jkunu l-hinijiet u l-granet tax-xoghol l-appellanti kisbet taghrif ufficcjali dwar id-drittijiet taghha, pprotestat bil-fomm mas-sid xi drabi u waqfet hemm. Fiz-zmien kollu li damet impjegata jidher li accettat ic-cirkostanzi u tajjeb jew hazin ma rieditx tiehu passi skond il-Ligi. Kieku riedet setghat talbet lid-Direttur tax-Xoghol biex jagixxi f'isimha, izda baqghet siekta. Fil-fehma tat-Tribunal Industrijali l-fatt  li s-sid ma kienx imdejjaq b'xi passi ufficjali dwar dan id-dritt mittiefes ma jaghtix lok lil min jahseb li din kienet ir-raguni vera izda mohbija ghat-temm ta' l-impjieg

7.2 huwa fatt mhux kontestat li l-hanut tax-xoghol kien nieqes minn facilitajiet sanitarji u bzonnijiet bazici. L-ewwel wahda intrikbet billi l-appellanti kienet taghlaq il-hanut u tmur post iehor. It-tieni nkonvenjent fil-bidu kien solvut bix-xiri  ta' "vacuum flask" u wara xi zmien bix-xiri ta' kafe jew xorb frisk minn hwienet fil-vicin. L-oggezzjoni tas-sid ghall-prezenza fil-hanut ta' rgiel li ma kienux parruccani jew "suppliers" hija gusti-fikata. L-ewwelnett ghaliex ir-raguni ghal prezenza ta' dawn l-irgiel kienet tindika frekwenza mhux accettabbli ghas-sid u t-tieni ghaliex is-sid ghandu dritt li jirre-gola l-prezenza fil-hanut tieghu ta' persuni li ma kienux parruccani jew "suppliers". Ma jaghmilx sens kummercjali li s-sid ghandu jistenna lmenti minghand parruccani jew xi tnaqqis sinifikanti fil-bejgh qabel ma jiehu mizuri korrettivi. Fuq kollox mizuri preventivi huma bil-wisq ahjar.

7.3 ghalkemm il-prezenza ta' rgiel mhux parruccani fil-hanut ingiebet mis-sid bhala prova ghat-temm ta' l-impjieg, fil-fehma tat-Tribunal ma ngiebux provi li  din il-prezenza kienet frekwenti, jew fit-tul. L-anqas ma ngiebu

provi accettabbli ghat-Tribunal li l-appellanti kienet qed tisfida bis-shih din l-ordni jew li qalet diskors f'dan is-sens. Anzi l-provi juru li l-appellanti kienet ubbidjenti anke f'cirkostanzi li l-ubbidjenza holqot inkonvenjent ghaliha

7.4 iz-zewg partijiet jidher li ma tantx taw importanza ghad-dizgwid li nholoq dwar nofs ta' nhar leave ftit qabel it-temm ta' l-impjieg u dwar l-allegazzjoni li l-appellanti qatghet it-telefon b'rizultat ta' rabja waqt konverzazzjoni li hi kellha ma' Josephine Cacciattolo. Fil-fehma tat-Tribunal Industrijali din l-allegazzjoni dejjqet mhux ftit lis-sid

7.5 ghalkemm huwa ammess u jirrizulta mill-provi li l-appellanti kienet mgharrfa mis-sid dwar li ma rieditx irgiel mhux parruccani fil-hanut, fil-fehma tat-Tribunal Industrijali dan l-imsejjah twiddib, kien b'sens ta' korrezzjoni u qatt ma nghad b'mod li t-Tribunal Industrijali jaccetta bhala twiddib ghat-temm ta' l-impjieg.

**8.** It-Tribunal Industrijali iddecieda li t-tkeccija ma saritx ghal raguni gusta u sufficcjenti skond il-Ligi u jordna dak li gej :

8.1 Is-sid ghandha thallas lill-appellanti s-somma ta' Mija u Tmenin Liri Maltin (Lm180) bhala kumpens ghal tkeccija ngusta. Dan il-hlas ghandu jsir fi tliet pagamenti ndaqs u konsekuttivi wiehed kull gimghatejn. L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien gimghatejn mid-data ta' din id-decizjoni.

8.2 Ghall-finijiet ta' l-avviz legali numru 48 tal-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna fis-somma ta'

Erbghin Liri Maltin (Lm40).

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---------------------
**Anthony DeGiovanni**
**CHAIRMAN**

-----------------
**George Attard**
**SEGRETARJU**

mrg